MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2006

Appell Civili Numru. 234/2002/1

**Euroclub Holidays Company Limited**

**vs**

**Kuraturi Deputati nominati sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta` estera Airtours p. l. c. u b' digriet tas-6 ta' Mejju 2002 gie nominat Dr Renzo Porsella Flores LL. D. bhala Kuratur Deputat sabiex jirrapprezenta lis-socjeta` estera Airtours p. l. c. u b' digriet tas-6 ta' April 2005 wara l-kelma 'estera' u qabel il-kliem 'Airtours p. l. c.' jizdiedu l-kliem 'My Travel p. l. c. gja'**

**Il-Qorti,**

Fil-15 ta' Marzu, 2006, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz in ezami li bih is-socjeta’ attrici talbet sabiex il-konvenut nomine jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kkundanat li jhallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf, tmien mija u zewg liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm1,802.25) flimkien ma’ l-imghax legali mill-1 ta’ Jannar 1994 ghall-allokazzjoni ta’ turisti u persuni ohra fil-Euroclub Hotel fuq inkarigu ta’ l-istess socjeta’ konvenuta.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittri nterpellatorji tas-26 ta’ Frar 2001, 4 ta’ April 2001, u 13 ta’ Gunju 2001 kontra s-socjeta’ konvenuta li qed tigi ngunta sabiex tidher ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-istess konvenut nomine (a fol 14 tal-atti) u li bih eccepixxa bir-rispett:-

Illi dil-Qorti mhix kompetenti skond l-art. 741 u 742 tal-Kap 12 billi s-socjeta’ konvenuta hija wahda barranija;

Illi bla pregudizzju jidher li l-kawza attrici tidher preskritta skond l-art. 2147 jew l-aktar jekk tal-ewwel ma jghoddx l-art. 2156 tal-Kap 16;

Illi bla pregudizzju l-fatti tal-kawza mhumiex maghrufa bizzejjed s’issa billi ma setghetx tingabar l-informazzjoni mehtiega biex it-talbiet attrici jkunu kontestati. Hekk kif is-socjeta’ attrici tghaddi l-indirizz tas-socjeta’ konvenuta lill-eccipjenti huwa jkun jista’ jaqdi dmiru ahjar.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat in-noti rispettivi tal-partijiet a fol 80 u fol 84.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi in rigward l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet kif sottomessi mill-konvenut nomine u li ser jigu decizi f’kapijiet differenti, jigi rilevat is-segwenti:-
a) Dwar l-eccezzjoni ta’ nuqqas ta’ gurisdizzjoni trid issir referenza ghall-artikolu 742 (1) (f) tal-Kapitolu 12 tal-

ligijiet ta’ Malta fejn jinghad illi l-Qrati Maltin ghandhom gurisdizzjoni li jisimghu u jiddeciedu kawzi li jirrigwardjaw kull persuna, ghal kull obligazzjoni li tkun ikkuntrattat favur cittadin ta’ Malta jew korp li jkollu personlita’ guridika distinta jew assocazzjoni ta’ persuni inkorporati jew li jiffunzjonaw f’Malta, meta s-sentenza tista’ tkun esegwita’ f’Malta. Dwar dan il-punt, jidher li gie pruvat ampjament u b’mod car mill-provi prodotti, illi f’idejn is-socjeta’ Edrichton Holidays Limited bhala ‘ground handling agents’ hawn Malta tas-socjeta’ estera konvenuta, hemm sal-lum fondi sabiex dak mitlub, bhala ‘sorte’ fl-avviz in ezami u ammontanti ghal Lm1802, jista’ jithallas. Ghalhekk il-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin hi radikali fl-artikolu 742 (1) (f) kif citat. Ghaldaqstant l-eccezzjoni in ezami ghandha tigi respinta.

b) Dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif proposta ma ingiebet ebda prova li tista’ tinghad li hi sufficjenti sabiex din l-eccezzjoni tista’ tigi akkolta. Anzi mix-xhieda ta’ John A. Cuschieri prodott bhala ‘accountant’ tas-socjeta’ Edrichton Holidays Limited’ tinsab konferma illi “…… sal-ahhar ta’ Settembru 1994 l-ammont ta’ ……….. (Lm1802.25) kien dovut minn Airtours p.l.c.” (ara fol 34, fol 37 u fol 38 tal-istess atti). Fid-dawl ta’ dan ir-rikonoxximent ta’ debitu maghmul b’mod esplicitu u car, l-eccezzjoni in ezami ghandha tigi respinta.

Ikkunsidrat

Illi, mill-istes provi jidher li l-kontestazzjoni f’dan il-kaz tirreferi ghall-imghax kif mitlub fl-istess avviz mill-1 ta’ Jannar 1994. In rigward dan il-punt, Michael Ciappara, direttur tas-socjeta’ attrici xehed (fol 18 u fol 61 et seq ibid) illi din is-socjeta’ kienet esegwit dak kollu risultanti mill-ftehim bejn il-partijiet involuti (ara fol 20 tal-atti). Ghalhekk kien inhareg il-kont ghal-hlas relattiv li kien intbaghat lis-socjeta’ Edrichton Holidays Limited, gja msemmija. Din ta’ l-ahhar kienet infurmat lix-xhud illi, in rigward l-istess kont li kien jirreferi ghas-sena 1994/1995, “……… kellha ‘cheque’ sabiex thallasni izda ma kienetx ser ittihomli”. Dwar dan hu qal “……… qed niftakar li s-Sur Cuschieri kien semmieli jidhirli li kien hemm xi mandat ta’ sekwestru u jista’ jkun li ma setax jaghtini l-flus minhabba

dan il-mandat “. Eventwalment ix-xhud kien ircieva ‘cheque’ (fol 24 ibid) fl-2001 ammontanti ghas-sorte mitlub fl-avviz in ezami, liema ‘cheque’ jgib id-data tas-27 ta’ April 2001. Pero’ x-xhud ma kienx sarrfu peress li “…… tlabt l-imghaxijiet” fuq l-istess ammont.

Dwar l-istess punt, John A. Cuschieri (fol 31 u fol 44 et seq ibid) jsostni fix-xhieda tieghu, illi dwar l-ammont, li hu effetivament dovut mis-socjeta’ estera konvenuta “sa l-ahhar ta’ Settembru 1994”, kellu l-fondi disponibbli ghal hlas “…… matul l-1995 ……”, wara li kienu saru verifiki bejn il-partijiet dwar l-ammont dovut attwalment. Pero’ ix-xhud jsostni illi ma setax jhallas lis-socjeta’ attrici permezz ta’ ‘cheque’ di gja lest u datat 13 ta’ Novembru 1995, “…… peress li kien hemm mandat ta’ sekwestru kawtelatorju kontra l-istess socjeta’ attrici (numru ta’ dan il-mandat 1501/93). Bhala sekwestratarju fost l-ohrajn kien hemm is-socjeta’, rapprezentata minnu, b’hekk , ma setax jirrilaxxja l-fondi favur is-socjeta’ attrici. Dwar l-istess punt, ix-xhud semma’ illi s-somma involuta qatt ma kienet giet depozitata taht l-Awtorita’ tal-Qorti. Sussegwentament, ix-xhud kien sar jaf, fis-27 ta’ April 2001, illi l-istess mandat ma kienx gie prorogat u ghalhekk hu kien baghat ic-‘cheque’ lis-socjeta’ attrici gja msemmi hawn fuq liema, ‘cheque’ pero’ ma kienx gie accetat (ara dwar da peress ir-‘resume’ tal-fatti a fol 46 ibid).

Ikkunsidrat

Illi, dwar il-premess, ghandu jinghad minnufih illi , skond l-artikolu 1141 tal-Kodici Civili, imghax b’obligazzjoni kummercjali, bhal fil-kaz in ezami, jkun dovut mill-jum li fih l-istess obligazzjoni setghet tigi esegwita.

Illi f’dan il-kaz, kif diga ssemma kien gie ammess illi l-ammont in kwistjoni kien dovut mis-socjeta’ estera konvenuta f’Settembru tal-1994. Pero’ John A. Cuschieri, kif premess, jsostni illi ma setax jaffetwa l-hlas minhabba li kien indikat, bhala sekwestratarju, fl-imsemmi mandat mahrug minn terza persuna kontra s-socjeta’ attrici f’dan il-kaz. Dwar dan il-punt, is-socjeta’ attrici korretament taghmel referenza ghall-artikolu 379 (3) tal-Kapitolu 12

ukoll fejn jinghad illi sekwestratarju jista' jqieghed il-flus fil-Qorti jekk hu ma jkunx irid jibqa' jzomm ghandu l-flus sekwestrati. Fil-kaz in desamina, hu ghazel, pero' li jzommhom fil-pussess tieghu u ma effetwax tali depositu anke meta u wara li c-cheque mibghut mis-socjeta' "Edrichton Holidays Limited" ma kienx gie accetat bhala pagament mis-socjeta' attrici (ara ukoll l-artikoli 1173 (1) u (2) u 1174 tal-Kodici Civili). Konsegwentament, hu ma esimiex ruhu minnu kull responsabbilita' u, effettivament, zamm disponibbli ghalih l-istess flus.

Illi, a bazi ta' dak premess, jidher li t-tezi tas-socjeta' attrici hi dik koretta kemm fuq bazi ta' fatt kemm fuq bazi legali u ghalhekk is-socjeta' attrici ghandha l-jedd li tithallas l-imghax legali mid-data meta gie stabbilit illi s-socjeta' estera konvenuta kienet debitrici ta' dik attrici fis-somma specifikata fl-avviz u dan peress li l-istess somma baqghet disponibbli ghas-socjeta' rappresenatata minn John A. Cuschieri bhala "local handling agent" tal-istess socjeta' estera konvenuta li finalment hi responsabbli ghall-hlas tas-sorte u tal-imghax relattiv.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut nomine sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm1802.25 bl-imghax legali mill-ewwel ta' Jannar 1994 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittri interpellatorji tas-26 ta' Frar 2001, tal-4 ta' April 2001 u tat-13 ta' Gunju 2001."

Il-konvenut, kuratur nominat biex jirrapprezenta lil kumpanija assenti fil-gudizzju, appella minn din is-sentenza u talab ir-revoka taghha. Mill-kontenut ta' l-aggravju tieghu ma jidherx li hu jikkontesta s-somma kapitali reklamata mis-socjeta` attrici imma jiccensura l-motivazzjoni u l-konkluzjoni fir-rigward ta' l-imghaxijiet fuq din is-somma. Il-kontenzjoni centrali tieghu hi dik li l-mandat ta' Sekwestru servut lilu ma kienx jimponi fuqu li hu jghaddi ghad-depozitu u allura n-nuqqas tieghu li jeffettwa d-depozitu ma kellux jissarraf f' dannu kontra tieghu;

Huwa ferm importanti ghar-rizoluzzjoni tal-kwestjoni devoluta lil din il-Qorti illi jigu nkwadrati dawn il-fatti:-

(1) Bejn is-socjeta` attrici u s-socjeta` assenti Airtours p. l. c., successivament mibdul ghal My Travel p. l. c., kien hemm kuntratt ta’ ftehim datat 18 ta’ Mejju 1994 (ara kopja a fol. 20) ghall-alloggjar ta’ turisiti fil-lukanda tas-socjeta` attrici;

(2) Mill-i*statement* a fol. 23 jirrizulta li l-ammont li kien ghadu dovut lis-socjeta` attrici sat-30 ta’ Settembru kien dak indikat fl-avviz, jigifieri Lm1802.25,0;

(3) Is-socjeta` assenti kienet rapprezentata f’ Malta minn Edrichton Holidays Limited, li skond ix-xhud John Cuschieri (fol. 31) hi “*ground handling agent*” tas-socjeta` barranija;

(4) Dejjem skond dan ix-xhud, is-socjeta` Edrichton Holidays Limited giet servuta b’ mandat ta’ sekwestru Numru 1501/93 fl-ismijiet “John Grima *nomine* -vs- Michael Ciappara *nomine*” (fol. 60) liema mandat baqa’ jigi prorogat sas-27 ta’ April 2001, f’ liema data huwa baghat *cheque* (fol. 24) lis-socjeta` attrici biex jissalda l-kont. Dan ic-*cheque* ma giex accettat ghaliex is-socjeta` attrici ppretendiet il-hlas ta’ l-imghaxijiet;

(5) Irid jinghad li s-sekwestrat *nomine* indikat fil-mandat huwa direttur tal-kumpanija attrici. Dan jaccetta li kien hemm tali mandat ta’ sekwestru kontra s-socjeta` minnu rapprezentata. Ara deposizzjoni tieghu in kontro-ezami a fol. 62;

Premessi dawn il-fatti l-ewwel haga li trid tigi stabilita hi dik li s-socjeta` Edrichton Holidays Ltd fil-kwalita` taghha ta’ *ground handling agent* ghandha titqies bhala mandatarja tas-socjeta` estera, fakoltizzata biex taghmel certi atti guridici f’ isem il-mandanti taghha. Jinghad fl-Artikolu 1865 (1) Kodici Civili illi l-mandatarju jista’ jaghmel kull haga ohra li l-mandant jista’ jaghmel huwa nnifsu,

ghalkemm dawn is-setghat ma jkunux espressi fil-mandat. Hekk milli jidher is-socjeta` msemmija kellha l-funzjoni li taghmel hlasijiet lit-terzi li maghhom is-socjeta` estera tkun ikkuntrattat. Fil-kaz in ezami jirrizulta mix-xhieda ta' John Cuschieri illi s-socjeta` Edrichton kellha fondi disponibbli biex tissalda l-bilanc fl-1995;

Stabbilit dan, biex jigi valjat l-aggravju sottomess hu xieraq li jigu esposti xi principji li jghoddu ghal kaz:-

(1) Id-debitu dovut hu certament wiehed likwidu u ta' natura kummercjali. Jiskatta minn dan illi meta "l-obbligazzjoni jkollha biss bhala oggett il-hlas ta' somma determinata, id-danni li jigu mid-dewmien ta' l-ezekuzzjoni taghha jkunu jikkonsistu biss fl-imghaxijiet fuq is-somma li jkollha tinghata meqjusin bit-tmienja fil-mija fis-sena" (Artikolu 1139, Kodici Civili). Jissokta jinghad li dawn l-imghaxijiet ghandhom jithallsu minghajr ma jkun mehtieg li l-kreditur jipprova li bata xi telf (Artikolu 1140). Fejn imbaghad l-obbligazzjoni tkun ta' natura kummercjali l-imghaxijiet jghaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tigi esegwita [Artikolu 1141 (1), Kodici Civili];

(2) Dan affermat, jikkonsegwi l-ezami dwar l-effett ta' mandat ta' Sekwestru fuq l-obbligu precitat tal-hlas ta' l-imghaxijiet. B' ligi espressa, ex-Artikolu 379 (3) Kapitolu 12, jinsab provvdut illi "is-sekwestratarju jista' wkoll iqieghed fil-qorti l-flus jew il-hwejjeg issekwestrati bil-mandat, jekk hu ma jkunx irid jibqa' jzomm ghandu dawk il-flus jew hwejjeg". F' dan il-kaz is-sekwestratarju kienet is-socjeta` Edrichton Holidays Ltd li f' idejha kellha l-flejjes tas-socjeta` konvenuta estera destinati lis-socjeta` attrici, is-sekwestrata skond it-termini tal-mandat;

(3) L-appellanti *nomine*, sa certu punt korrettement, jissottometti illi bl-uzu tal-verb "jista' iqieghed" fit-test tad-dispost appena riportat ma jaghmelx id-depozitu obbligatorju imma biss fakoltativ. Huwa jinduci dan ukoll mill-kombinazzjoni ta' dak id-dispost mas-subinciz (1) ghall-Artikolu 379. Dan fis-sens illi sakemm ma tkunx ghadha saritlu s-sejha mis-sekwestrant

jew mis-sekwestrat huwa mhux tenut jghaddi ghad-depozitu. Ma' dan jista' jizdied dak mahsub fil-formola Numru 12 (Mandat ta' Sekwestru) annessa mal-Kodici ta' Procedura fejn fiha jinghad li l-iskop tal-mandat hu dak li "iggieghel lill-istess Sekwestratarju li jzommu ghandhom bhala issekwestrata sakemm jaghlaq iz-zmien li fih il-mandat jibqa' jsehh skond il-ligi, jew sakemm jinghata ordni iehor …". Jitnissel minn dan illi sakemm is-sekwestratarju ma jircevix ordni divers mill-Qorti li harget is-sekwestru hu ghandu jibqa' jzomm f' idejh il-flus issekwestrati;

(4) Naturalment "is-sekwestratarju ghad li ma ghandu ebda obbligu jiddepozita qabel ma jircievi l-intima biex jiddepozita jista' pero` jiddepozita, jekk irid" (**Kollez. Vol. XL P I p 639**). F' kaz bhal dan "*secondo la legge il deposito tiene luogo di pagamento e rimane a rischio del creditore, quando questo è stato validamento fatto*" (**Kollez. Vol. XXII P II p 287**; **Vol. XXXVII P I p 440**; **Vol. XLI P II p 1180**). Ikompli jinghad illi "ma hemmx bzonn jinghad li d-depozitu fir-rapporti bejn is-sekwestrat u s-sekwestratarju jekwivali ghall-pagament u kwindi l-interessi huma dovuti sal-jum li jsir id-depozitu" (**Kollez. Vol. XLII P II p 1198**);

(5) Proprju minn din l-ahhar affermazzjoni tinsorgi d-domanda dwar x' inhuma l-konsegwenzi jekk is-sekwestratarju, ankorke mhux ritwalment obbligat, jibqa' jzomm f' idejh il-flejjes u ma jghaddix ghad-depozitu. Fi kliem iehor jista' jippretendi li, ghax sab ruhu rinfaccjat bl-ostakolu tal-mandat ta' sekwestru, u ma hallasx, u lanqas ma ddepozita, jillibera ruhu mid-danni;

(6) Jinghad b' mod generali fid-decizjonijiet a **Vol. XXIX P I p 806** u **Vol. XXXIX P II p 585** illi min jaccetta delegazzjoni li jhallas dejn ta' haddiehor huwa obbligat jadempixxi dan l-obbligu bla dewmien ta' xejn u skond il-mudell konswet tal-*bonus paterfamilias*. "Jekk isib ostakolu ghal hlas ghandu jiddepozita s-somma fil-Qorti u jekk jagixxi xort' ohra jidhol responsabbli ghad-danni li f' dan il-kaz si tratta ta' interessi";

(7) B’ mod specifiku ghal kaz konkret gie enuncjat mill-Qorti tal-Kummerc in re “**Avukat Dottor John Mamo *nomine* -vs- Anthony R. Curmi *nomine***”, 7 ta’ Jannar 1980 per il-kompjant Imhallef Dottor George Schembri illi “s-sekwestratarju li jsib ruhu f’ din il-posizzjoni li jixtieq jadempixxi l-obbligazzjoni tieghu li jhallas ammont skadut, u fl-istess hin hu mpedut milli jaffettwa l-pagamenti lill-kreditur tieghu minhabba sekwestru, hu moghti l-fakolta li jezimi ruhu minn kull responsabilita` ulterjuri billi jiddepozita l-ammont dovut minnu taht l-awtorita` tal-Qorti. B’ dan il-mod id-debitur sekwestratarju jezimi ruhu mill-obbligu tal-hlas ta’ l-imghaxijiet mil-jum tad-depozitu”. Minn dan huwa lecitu li jinghad illi jekk dan id-depozitu jibqa’ ma jsirx huwa jibqa’ tenut ghall-hlas ta’ l-imghaxijiet fit-termini ta’ l-Artikoli 1139, 1140 u 1141 (1) tal-Kodici Civili aktar ‘il fuq riferenzjati;

Mill-premessi konsiderazzjonijiet jikkonsegwi illi guridikament l-aggravju sottomess ma jistax jitqies fondat u effettivament din il-Qorti ser tghaddi biex tirregettah;

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell interpost u b’ hekk tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra l-appellanti *nomine*.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------